# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

**Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (*melit*)**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Dehab Arefe**

Il-Qorti rat l-imputazzjoni miġjuba kontra **Dehab Arefe**, "ta 18 il-sena, Nazzjonalita Eritreana, imwieled f'Guzein l-Eritrea, fit-2 ta' Settembru 1998, bint Arefe u Medin, bla residenza f'Malta u bla dokumenti" u fejn U nakkuzaha talli fit-18 ta' Novembru 2016 u fil-jiem ta' qabel f'dawn il-gzejjer :

(a) "iffalsifikat, bidlet jew ghamlet xi tibdil f'Passaport ghall-istranjieri, jew uzat jew kellha fil-pussess taghha il-Passaport, imsemmi, li hi kienet taf li gie iffalsifikat, imbiddel jew sar xi tibdil fih fisem Semereab Riba bin-numru 060422 (Kap 61, Sec 5 tal-Ligijiet ta' Malta)"

(b) "Kif ukoll nakkuzaha talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamlet urn minn xi dokumenti ohra iffalsifikati, fid-dokument fuq imsemmija (Kap 9, Sec 189 tal-Ligijiet ta' Malta)"

(c) "Kif ukoll nakkuzaha talli matull-istess zmien, lok u cirkostanzi iffalsifikat xi dokumenti jew kopji vera ta' dokumenti jew registrazzjonijiet maghmula skond I-Att dwar l-Immigrazzjoni (Kap 217, Sec 32(1d) tal-Ligijiet ta' Malta)"

Rat l-atti tal-kawża;

Semgħet lill-partijiet :

***Ikkunsidrat : -***

Illi rat li l-imputata wieġbet li hija ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba kontriha.

Il-Qorti wissiet lill-imputata bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissioni tagħha għall-imputazzjonijiet kontestati lilha, inkluż li minħabba n-natura tar-reat il-Qorti setgħet tgħaddi biex issibha hatja u tikkundanaha għal piena li tista' tkun anke waħda karċerarja jew pieni oħra statutorji. Il-Qorti, wara li tagħtha żmien biżżejjed sabiex anke tikkonsulta mal-Avukat Difensur u tiddeċiedi jekk hijiex sejra terġa lura mill-ammissjoni reġistrata minnha, semgħet lill-imputata ittenni li hija ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba kontriha.

Fic-cirkostanzi il-Qorti ma kellhiex alternattiva għajr ħlief li ssibha ħatja tal-imputazzjonijiet kontestati lilha.

Saret it-trattazzjoni dwar il-piena u senjatament lill-Uffiċjal Prosekutur itenni li dawn il-każijiet żdiedu fin-numru matul dawn l-aħħar żminijiet u saru ferm aktar komuni. Bosta nies kienu qegħdin jieħdu l-vjaġġ tagħhom lejn Malta bil-mezz ta' dokumenti li jkunu falsifikati. Kien jidher li dan il-fluss ta' persuni f'Malta b'mod irregolari kien persistenti u kien ċar li l-persuni li kienu qegħdin jieħdu dan il-vjaġġ ma kienux qegħdin isibu deterrent biżżejjed mis-sentenzi li kienu qegħdin jingħataw minn dawn il-Qrati. Huwa saħaq li f'dan il-każ il-Qorti kellha tibgħat messaġġ fis-sentenza tagħha li ma jistax ikun li dan il-ksur tal-Liġi jibqa' jiġi tollerat. L-Uffiċjal Prosekutur tenna li f'dan il-każ il-Qorti kellha tikkunsidra piena ta' natura karċerarja effettiva, anke jekk tkun lejn il-minimu tagħha.

L-Avukat Difensur tenna li dan kien każ ta' tfajla t'eta żgħira li ħarbet mill-Eritrea lejn l-Ewropa sabiex ma tinqabadx fil-lieva obbligatorja f'pajjiżha. Huwa qal li hija waslet l-Italja, pero riedet tiġi Malta għaliex hawn kien hawn il-*partner* tagħha li huwa wkoll barrani li ottjena l-istatus ta' refuġjat u li kien sejjer jiġi rilokat lejn l-Istati Uniti tal-Amerika. Huwa saħaq li verament li l-assistita tiegħu irrikorriet għal mezz illegali biex tidħol Malta pero dan għamlitu f'att ta' disperazzjoni biex tingħaqad mal-*partner* tagħha.

*Ikkunsidrat : -*

Illi l-Qorti qieset in-natura tal-każ kif ukoll l-ammissjoni bikrija reġistrata mill-imputata. Qieset ukoll id-dikjarazzjoni tal-Uffiċjal Prosekutur li ma jirrizultax illi l-imputata ikkommettiet reati oħra f'Malta jew illi hija reċidiva. Qieset ukoll is-sottomissjonijiet tal-abbli Avukat Difensur dwar li l-imputata ġiet f'Malta biex tiltaqa' mal-*partner* tagħha li kien refuġjat li kien sejjer jiġi rilokat lejn l-Amerka. Il-Qorti rat li dan il-fatt ġie mistqarr bħala sottomissjoni u kif inhu risaput, fatt mistqarr biss f'sottomissjoni ma jistax jitqies bħala prova. Apparti minn hekk ma jirriżultax li l-imputata ingħatat ukoll l-istess status tal-partner tagħha jew li kienet ser tibbenefika minn xi skema ta' rilokazzjoni, b'mod legali.

*Ikkunsidrat ulterjorment -*

Il-Qorti taqbel mal-Uffiċjal Prosekutur li, minkejja kollox, ma tistax tagħlaq għajnejha għall-fatt illi l-Liġijiet tal-Immigrazzjoni ta' dan il-pajjiż ġew miksura f'dan il-każ. L-anqas ma tista' tinsa' li dan it-tip ta' reati sar ħafna iktar komuni tant li sar fenomenu kostanti. U bir-rispett kollu, mhux aċċettabbli li persuni jkomplu jidħlu fit-territorju nazzjonali b'dokumenti foloz fejn jippruvaw iqarqu bl-Awtoritajiet tal-Immigrazzjoni tal-Istat Malti.

Għalkemm mhux neċessarjament li huwa hekk f'dan il-każ, fil-prinċipju dawn ir-reati jistgħu jimminaw anke s-sigurta' tal-pajjiż. L-Istat Malti għandu jkollu interess qawwi li jkun jaf sewwasew l-identita' vera ta' min ikun dieħel fil-pajjiż u dan, kif ingħad aktar il-fuq, fost affarijiet oħra, ukoll għal raġunijiet ta' sigurta interna – b'mod partikolari fi żminijiet ta' taqlib, kunflitti u terroriżmu li diversi partijiet tad-dinja, inkluż dawk viċini għal Malta, jinsabu għaddejjin minnhom jew mhedda bihom.

L-esperjenzi ta' pajjiżi oħra (anke fl-Unjoni Ewropeja) li seħħew riċentement, għandhom jiftħu għajnejn kulħadd għar-riskji serji li tali fenomenu t'immigrazzjoni illegali b'dokumenti foloz jista' jġib miegħu għan-nies innoċenti.

L-Uffiċjal Prosekutur stqarr li l-imputata hija reġistrata fl-Italja inkwantu kien il-pajjiż li kienet waslet fih u li l-Pulizija Maltija kienet sejra tagħmel dawk l-arranġamenti meħtieġa sabiex l-imputata terġa' tiġi mibgħuta fl-Italja. Dal-proċess jieħu madwar xahar żmien.

# DEĊIDE

Li wara li rat l-Artikolu 5 tal-Kap 61 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Artikolu 17 u 189 tal-Kodiċi Kriminali u l-Artikolu 32(1)(d) tal-Kap 217 tal-Liġijiet ta' Malta, filwaqt li ssib lil imputata **Dehab Arefe**, fuq l-ammissjoni tagħha

stess ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħha, tikkundannaha għall-piena ta' **xahar** priġunerija.

***Mogħtija illum id-19 ta' Novembru 2016 fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.***

***Aaron M. Bugeja***